

# Prevenzjoni ta' Falliment fl-Iskola

## Rapport Sommarju Finali

EUROPEAN AGENCY
for Special Needs and Inclusive Education

# PREVENZJONI TA' FALLIMENT FL-ISKOLA

Rapport Sommarju Finali

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inkluživa (l-Aġenzija) hija organizzazzjoni indipendenti u awtonoma. L-Aġenzija hija kofinanzjata mill-ministeri tal-edukazzjoni fil-pajjiżi membri tagħha u mill-Kummissjoni Ewropea permezz ta' għotja operattiva fil-programm tal-edukazzjoni tal-Unjoni Ewropea (UE) Erasmus+ (2014–2020).

Kofinanzjat mill-Programm tal-Unjoni Ewropea Erasmus+

Is-sostenn tal-Kummissjoni Ewropea għall-produzzjoni ta' din il-pubblikazzjoni ma jikkostitwixxix l-approvazzjoni tal-kontenut li jirrifletti l-fehmiet tal-awturi biss, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni li hemm fiha.

Il-fehmiet espressi minn kwalunkwe individwu f'dan id-dokument mhux neċessarjament jirrappreżentaw il-fehmiet uffiċjali tal-Aġenzija, il-pajjiżi membri tagħha jew il-Kummissjoni.

Editur: Anthoula Kefallinou

Estratti mid-dokument huma permessi sakemm issir referenza ċara għas-sors. Ir-referenza għal dan ir-rapport għandha ssir kif ġej: L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inkluživa, 2020. *Prevenzjoni ta' Falliment fl-Iskola: Rapport Sommarju Finali*. (A. Kefallinou, ed.). Odense, id-Danimarka

Bil-għan li tinkiseb aċċessibbiltà ikbar, dan ir-rapport huwa disponibbli f'25 lingwa u huwa f'format elettroniku aċċessibbli fuq il-websajt tal-Aġenzija: www.european-agency.org

Din hija traduzzjoni ta' test oriġinali bl-Ingliż. F'każ ta' dubju dwar l-akkuratezza tal-informazzjoni fit-traduzzjoni, jekk jogħġbok irreferi għat-test oriġinali bl-Ingliż.

ISBN: 978-87-7110-896-5 (Elettroniku)

**© European Agency for Special Needs and Inclusive Education 2020**

Segretarjat
Østre Stationsvej 33
DK-5000 Odense C Denmark
Tel: +45 64 41 00 20
secretariat@european-agency.org

Uffiċċju ta' Brussell
Rue Montoyer, 21
BE-1000 Brussels Belgium
Tel: +32 2 213 62 80
brussels.office@european-agency.org

# WERREJ


INTRODUZZJONI 5

IL-QAFAS KUNĊETTWALI TAL-PROĠETT 6

Definizzjoni ta’ falliment fl-iskola 6

Approċċ sistemiku għall-prevenzjoni ta’ falliment fl-iskola 7

SEJBIET MIL-LETTERATURA TAR-RIĊERKA 10

SEJBIET MIL-LETTERATURA TAL-POLITIKA 13

L-AZZJONIJIET POLITIĊI PRINĊIPALI GĦALL-PREVENZJONI TA’ FALLIMENT FL-ISKOLA 15

IR-RIŻULTATI TAL-PROĠETT 17

REFERENZI 18






# INTRODUZZJONI

Il-bini tal-kapaċità tal-iskejjel u l-ġlieda kontra l-falliment fl-iskola huma kruċjali għas-sistemi ta' edukazzjoni inklużiva. F'dawn l-aħħar snin, il-pajjiżi membri tal-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva (l-Aġenzija) taw prijorità lill-kwistjoni tal-prevenzjoni ta' falliment fl-iskola. Fl-Istħarriġ dwar il-Pajjiżi tal-2015, il-membri tal-Bord Rappreżentattiv tal-Aġenzija talbu għal proġett li jiffoka fuq il-falliment fl-iskola u l-inklużjoni. Bħala rispons, l-Aġenzija ħolqot proġett tematiku bit-titolu **Prevenzjoni ta' Falliment fl-Iskola: Eżaminar tal-Potenzjal tal-Politiki ta' Edukazzjoni Inklussiva b'Relazzjoni mas-Sistema u l-Individwi** (PSF). Dan il-proġett bena fuq il-ħidma eżistenti tal-Aġenzija fuq kwistjonijiet relatati mal-falliment fl-iskola.

Il-proġett tal-PSF jagħti ħarsa ġenerali komprensiva tal-politika u l-letteratura tar- riċerka disponibbli relatati mal-prevenzjoni ta' falliment fl-iskola. Dan għandu l-għan li jenfasizza l-karatteristiċi tal-oqfsa tal-politika inklużiva li jistgħu jgħinu jipprevjenu l-fallimenti fl-iskola u jtejbu l-abbiltà tas-sistemi tal-iskejjel biex jissodisfaw il-bżonnijiet differenti tal-istudenti.

L-attivitajiet tal-proġett damu mill-2018 sal-2019. Dawn eżaminaw jekk il-politiki tal-edukazzjoni inklużiva għandhomx il-potenzjal li jipprevjenu l-falliment fl-iskola – kemm fir-rigward tal-individwi kif ukoll tas-sistema globali. Il-mistoqsijiet ewlenin tal-proġett li ġejjin iggwidaw l-attivitajiet tal-proġett:

1. Xi tgħid il-letteratura tar-riċerka dwar ir-relazzjoni bejn il-prevenzjoni ta' falliment fl-iskola u s-sistemi tal-edukazzjoni inklużiva?
2. B'liema mod il-politiki għall-edukazzjoni inklużiva tal-pajjiżi membri tal-Aġenzija jifhmu u jittrattaw il-prevenzjoni ta' falliment fl-iskola fejn għandhom x'jaqsmu kwistjonijiet li jikkonċernaw is-sistema sħiħa u l-istudenti individwali?
3. Liema elementi u oqfsa tal-politika inklużiva jidhru li huma meħtieġa għall-prevenzjoni ta' falliment fl-iskola?

It-tim tal-proġett wettaq riċerka bbażata fuq dokumentazzjoni fuq żewġ linji ta' attivitajiet paralleli sabiex jindirizza dawn il-mistoqsijiet. L-ewwel linja rrevediet u analizzat il-letteratura ta' riċerka Ewropea u internazzjonali dwar il-prevenzjoni ta' falliment fl-iskola b'rabta mal-edukazzjoni inklużiva. It-tieni linja analizzat il-letteratura dwar il-politika Ewropea u internazzjonali. Din eżaminat ukoll il-miżuri politiċi nazzjonali eżistenti għall-prevenzjoni ta' falliment fl-iskola. Din involviet ukoll il-ġbir ta' informazzjoni minn pajjiżi membri tal-Aġenzija permezz ta' stħarriġ tal-pajjiżi tal-proġett, fi sforz biex jiġu identifikati l-approċċi politiċi tagħhom biex jittrattaw il-falliment fl-iskola. Erbatax-il pajjiż ipprovda rapporti għal analiżi: l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Iżlanda, l-Iżvezja, il-Latvja, Malta, ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq) r-Renju Unit (l-Iskozja), ir-Repubblika Ċeka, is-Serbja u is-Slovakkja.

Il-proġett iffoka fuq l-edukazzjoni primarja sal-ogħla livell tas-sekondarja, jiġifieri l-livelli 1–3 **tal-Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni**. Il-grupp ewlieni fil-mira għar-riżultati tal-proġett huma dawk li jfasslu l-politika nazzjonali, reġjonali u lokali għall-edukazzjoni inklużiva.

# IL-QAFAS KUNĊETTWALI TAL-PROĠETT

## Definizzjoni ta' falliment fl-iskola

Billi l-kwistjoni tal-falliment fl-iskola hija waħda kumplessa, huwa importanti li t-terminu jiġi ċċarat u definit fil-kuntest tal-proġett.

Skont ir-**Reviżjoni tal-Letteratura dwar il-PSF** (l-Aġenzija Ewropea, 2019a), ir-riċerka dwar il-falliment fl-iskola ffukat fuq żewġ perspettivi ewlenin: il-perspettiva individwali (kif l-individwi jistgħu jfallu fis-sistema tal-iskola) u l-perspettiva organizzazzjonali (kif is-sistema tal-iskola tista' tfalli fir-rigward tal-istudenti individwali).

Il-letteratura dwar il-politika frekwentement issemmi l-importanza tal-perspettiva organizzazzjonali għall-prevenzjoni ta' falliment fl-iskola. Madankollu, din ftit li xejn tissemma fid-dokumenti dwar il-politika internazzjonali u Ewropea li jħarsu lejn it-tluq bikri mill-iskola (ara l-Aġenzija Ewropea, 2016; 2017a; il-Kummissjoni Ewropea, 2015) jew l-effettività u t-titjib tal-iskola (ara l-Kummissjoni Ewropea, 2017).

Fid-dawl ta' dak imsemmi hawn fuq, il-proġett tal-PSF jiddefinixxi l-falliment fl-iskola kif ġej:

> *Il-falliment fl-iskola jseħħ meta sistema ma jirnexxiliex tipprovdi servizzi ta' edukazzjoni ġusti u inklużivi li jwasslu għal tagħlim b'suċċess, inġaġġ, parteċipazzjoni usa' fil-komunità u tranżizzjoni għal ħajja adulta stabbli* (l-Aġenzija Ewropea, 2019b, p. 22).

Għalhekk, il-prevenzjoni ta' falliment fl-iskola tinvolvi l-iżvilupp ta' sistema inklużiva fejn l-istudenti kollha – inklużi dawk f'riskju li jfallu u li huma l-aktar vulnerabbli li jkunu esklużi – jirċievu edukazzjoni ta' kwalità għolja. Dan iwassal biex jiżdied il-livell ta' kisba u biex l-edukazzjoni obbligatorja titlesta b'suċċess. Dan imur ukoll lil hinn mill-organizzazzjoni tal-iskola, u għandu l-għan li tiġi indirizzata l-inugwaljanza sabiex jiġi żgurat li jkun hemm parteċipazzjoni usa' fil-komunità u tranżizzjoni għal ħajja adulta stabbli (l-Aġenzija Ewropea, 2019b).

# Approċċ sistemiku għall-prevenzjoni ta' falliment fl-iskola

Il-qafas kunċettwali tal-proġett jenfasizza l-perspettiva sistemika u jsostni **approċċ ibbażat fuq id-drittijiet umani**. Skont dan, is-sistemi tal-edukazzjoni għandhom jippermettu lill-iskejjel isostnu d-dritt għal edukazzjoni ta' kwalità għolja għall-istudenti kollha.

Dan jinvolvi:

> *...ċaqliq minn fokus fuq is-sostenn individwali u approċċi kompensatorji (jiġifieri bbażati fuq dijanjożi jew tikketti mediċi), għal miżuri aktar preventivi u forom aktar proattivi ta' tagħlim u istruzzjoni* (l-Aġenzija Ewropea, 2017b, p. 19).

Dan l-approċċ ifittex li jissodisfa l-ħtiġijiet tal-istudenti kollha. Dan għandu l-għan li jidentifika u jissupera x-xkiel istituzzjonali fil-livelli kollha li jista' jwassal għall-falliment fl-iskola, u li jippromwovi sistema li tiżgura kemm ekwità kif ukoll eċċellenza.

Is-sistemi ta' edukazzjoni inklużiva huma sostnuti l-aktar effettivament minn azzjonijiet politiċi li jenfasizzaw il-prevenzjoni, aktar milli l-intervent u l-kumpens. Il-proġett tal-PSF jirrikonoxxi li jistgħu jkunu meħtieġa miżuri kompensatorji għal xi studenti u li, għalhekk, dawn jintużaw komunement mill-pajjiżi. Madankollu, l-azzjonijiet politiċi u l-miżuri kompensatorji għandhom ikunu l-aħħar rimedju. Il-pajjiżi għandhom jagħtu prijorità lill-approċċi preventivi.

Il-falliment fl-iskola jista' jiġi evitat permezz ta' taħlita ta' politiki nazzjonali/reġjonali u lokali, l-organizzazzjoni tal-iskejjel, u li wieħed jifhem u jwieġeb għaċ-ċirkostanzi tal-individwu. Ir-Reviżjoni tal-Letteratura dwar il-PSF tiddeskrivi mudell kunċettwali għall-prevenzjoni ta' falliment fl-iskola li jinkludi dawk l-elementi, u jibni fuq il-ħidma preċedenti tal-Aġenzija fuq it-tluq bikri mill-iskola (l-Aġenzija Ewropea, 2016; 2017a). Skont dan il-mudell, hemm **sensiela ta' forzi fil-ħajja tal-istudent (ir-riskji u l-fatturi protettivi) u forzi esterni li dawk li jfasslu l-politika u l-professjonisti tal-edukazzjoni differenti jistgħu jinfluwenzaw (bi strateġiji preventivi u interventi)**.

Il-mudell juri kif forzi differenti jimbuttaw u jiġbdu lill-istudent bejn l-outcome mixtieq li jlesti b'suċċess l-edukazzjoni sekondarja, iżid il-livell ta' kisba u jimxi lejn ħajja adulta stabbli, u r-riżultat mhux mixtieq li jfalli fl-iskola. Dawn il-forzi qed jaġixxu fil-komunità, fl-iskola u fl-individwu (l-Aġenzija Ewropea, 2019a). F'dan il-mudell, l-ekosistema li fiha joperaw dawn il-forzi hija importanti (Bronfenbrenner, 2005).

Il-proġett tal-PSF jenfasizza din il-perspettiva tal-ekosistema biex ikompli jesplora l-approċċi għall-falliment fl-iskola li huma bbażati fuq il-livell tas-sistema. Dan jeżamina l-prevenzjoni ta' falliment fl-iskola fil-kuntest tal-**Mudell tal-Ekosistema tal-Edukazzjoni Inklużiva**. Dan jibni fuq u jestendi l-ħidma reċenti tal-Aġenzija, bħall-proġetti ta' **Edukazzjoni Inklużiva Bikrija**, **Ngħollu l-Livell ta' Suċċess għall-Istudenti Kollha fl-Edukazzjoni Inklużiva** u **Sostenn tat-Tmexxija ta' Skola Inklużiva**. Il-qafas tal-ekosistema għandu l-għan li jgħin lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet dwar l-edukazzjoni biex jidentifikaw oqsma prinċipali għal reviżjoni lokali, reġjonali u/jew nazzjonali.




**Figura 1. Il-mudell kombinat ta' analiżi tal-ekosistema u tal-forzi involuti li juri l-fatturi li jinfluwenzaw il-falliment fl-iskola (adattat mill-Aġenzija Ewropea, 2017a)**

Il-mudell tal-ekosistema jikkonsisti fis-sistemi interrelatati li ġejjin:

- Il-**mikrosistema** tinkludi l-proċessi fl-iskola u l-interazzjonijiet tal-istudenti mal-pari u l-adulti. Fil-kuntest ta' dan il-proġett, il-mikrosistema tikkunsidra l-approċċi fuq livell ta' skola sħiħa u l-prattiki ċċentrati fuq l-istudent li jistgħu jżidu l-attendenza fl-iskola u l-ingaġġ.

- Il-**meżosistema** tirrifletti l-interkonnessjonijiet fil-mikrosistema li jinfluwenza l-istrutturi u s-sistemi tal-iskola. Għal dan il-proġett, il-meżosistema tinkludi l-interazzjonijiet fil-livell tal-iskola li jistgħu jgħinu jittrattaw il-falliment fl-iskola.

- L-**eżosistema** tinkludi l-kuntest tal-komunità, li jista' jinfluwenza livelli oħra. F'dan il-proġett, l-eżosistema tiffoka fuq l-azzonijiet tal-komunità lokali li jistgħu jikkontribwixxu għall-prevenzjoni ta' falliment fl-iskola.

- Il-**makrosistema** tirrappreżenta l-kuntest usa' soċjali, kulturali u leġiżlattiv li jinkludi s-sistemi l-oħra kollha. Fil-kuntest ta' dan il-proġett, il-makrosistema tinkludi l-azzjonijiet nazzjonali/reġjonali għall-prevenzjoni ta' falliment fl-iskola u l-promozzjoni tal-inklużività.



Il-komponenti differenti tas-sistema u r-relazzjonijiet bejniethom jaffettwaw il-kapaċità tal-iskejjel biex jaċċettaw u jinkludi lill-istudenti kollha. Jekk sistema tal-iskola ma tkunx kapaċi tipprovdi opportunitajiet ekwitabbli għal kull student biex jispiċċa l-iskola b'suċċess u jkun ippreparati għall-ħajja adulta, din tkun qed "tfalli".

Il-mudell tal-ekosistema jenfasizza l-interrelazzjoni u l-interdipendenza tal-livelli tas-sistema. Għalhekk, kull sforz li jsir biex jinbidel element wieħed tas-sistema għandu jikkunsidra l-impatt fuq l-elementi l-oħra (l-Aġenzija Ewropea, 2019a).

Il-mudell jidentifika l-fatturi interni kif ukoll esterni għall-individwu. Għalhekk, dan jitbiegħed mill-mistoqsija dikotoma ta' jekk l-outcomes tat-tagħlim u inklużivi jiddependux fuq l-individwu jew fuq il-kuntest. Kull fattur jitqies dejjem b'rabta mal-ekosistema edukattiva tal-istudent. Għalhekk, billi l-istudent jitpoġġa fiċ-ċentru, il-mudell tal-ekosistema jsostni l-approċċ ibbażat fuq id-drittijiet umani (ibid.).

# SEJBIET MIL-LETTERATURA TAR-RIĊERKA

L-**ewwel linja** tal-attivitajiet tal-proġett irrevediet u analizzat il-letteratura tar-riċerka Ewropea u internazzjonali dwar il-prevenzjoni ta' falliment fl-iskola fir-rigward tal-edukazzjoni inklużiva. Ir-**Reviżjoni tal-Letteratura dwar il-PSF** tippreżenta r-riċerka li tapplika firxa ta' metodoloġiji biex wieħed jifhem u jidentifika soluzzjonijiet għall-falliment fl-iskola. Id-definizzjonijiet ta' falliment fl-iskola fil-letteratura jiffokaw fuq l-istudenti individwali aktar milli fuq it-titjib fl-iskola. Dawn id-definizzjonijiet jaqgħu taħt tliet temi ewlenin:

- It-tluq bikri mill-iskola
- Il-kisba akkademika baxxa
- L-inabilità li wieħed jipparteċipa bis-sħiħ fis-soċjetà jew in-nuqqas ta' benesseri fil-ħajja adulta (l-Aġenzija Ewropea, 2019a).

Il-letteratura turi l-kumplessità tal-fatturi li jistgħu jwasslu għal falliment fl-iskola. Din tiddeskrivi wkoll il-passi li jistgħu jittieħdu sabiex jipprevjenu l-falliment fl-iskola f'kull livell tal-ekosistema. Kull tema hija karatterizzata minn sett ta' riskji, fatturi protettivi, strateġiji preventivi u interventi. Dawn il-forzi jimbuttaw u jiġbdu lill-individwu bejn is-suċċess fl-iskola u l-falliment fl-iskola.

Il-forzi assoċjati mal-falliment u s-suċċess fl-iskola joperaw fil-livell tas-soċjetà permezz tal-politiki nazzjonali u l-kuntest lokali. Dawn jiffunzjonaw fil-livell tal-iskola permezz tal-organizzazzjoni tal-iskola u l-flessibbiltà biex din twieġeb għall-ħtiġijiet tal-istudenti individwali. Dawn joperaw ukoll fil-livell tal-familja u individwali, u jinkludu fatturi intrapersonali (eż. fatturi motivazzjonali, fiżiċi, sensorji, ġenetiċi, konjittivi u lingwistiċi) u

fatturi interpersonali (eż. il-bżonnijiet tal-familja, is-sostenn disponibbli, il-ħiliet u l-opportunitajiet soċjali).

Jistgħu jittieħdu approċċi differenti biex jitnaqqsu r-riskji u jiġi evitat li jqumu problemi u biex titreġġa' lura jew titnaqqas il-possibbiltà ta' falliment fl-iskola. Il-letteratura tissuġġerixxi l-oqsma li ġejjin għal azzjoni f'kull livell tas-sistema:

**Fil-livell nazzjonali, tas-soċjetà u tal-komunità** (makrosistema u eżosistema), hemm il-ħtieġa li:

- tiġi indirizzata l-inugwaljanza fis-soċjetà;
- tiġi promossa l-ekwità;
- jiġi ttrattat il-faqar;
- jitjieb l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa mentali u interventi terapewtiċi għall-istudenti u l-għalliema;
- tiżdied id-disponibbiltà ta' servizzi ta' sostenn ibbażati fuq il-komunità;
- jiġu żviluppati programmi ta' intervent dwar id-droga u l-alkoħol li jgħinu wkoll lill-familji.

Għalhekk, il-politiki nazzjonali, reġjonali u globali li jaffettwaw il-kura tas-saħħa, l-impjieg, l-akkomodazzjoni u l-benesseri soċjali huma kollha rilevanti għal din id-diskussjoni.

**Fil-livell tal-iskola** (meżosistema u mikrosistema), jista' jkun hemm ostakli sinifikanti għat-tagħlim u l-parteċipazzjoni. L-iskejjel għandhom joħolqu ambjenti fejn l-istudenti jħossuhom siguri u stmati u fejn jiġu involuti l-ġenituri. B'mod ġenerali, l-istudji jindikaw li l-influwenza tal-ġenituri u tal-familja għandha tmur lil hinn mill-attivitajiet kondiviżi. L-iskejjel għandhom iqisu modi biex jippermettu lill-ġenituri jinvolvu ruħhom fl-edukazzjoni tat-tfal tagħhom, jiżviluppaw servizzi biex jgħinu lill-ġenituri jtejbu l-ħiliet tagħhom għat-trobbija tat-tfal, jindirizzaw id-differenzi bejn il-ġenerazzjonijiet fil-popolazzjonijiet immigranti li jistgħu jaffettwaw il-motivazzjoni u l-ingaġġ, u jassistu lill-familji marġinalizzati.

L-iskejjel u l-għalliema jistgħu jieħdu wkoll azzjoni biex jgħinu lill-istudenti li jitilfu lil qrabathom, jesponu lill-istudenti għal firxa ta' karrieri li jistgħu jispirawhom, u jżommu l-kwalità tal-bini tal-iskejjel. Il-letteratura tenfasizza l-importanza tar-relazzjonijiet bejn l-għalliem u l-istudenti, li l-għalliem ikollu perċezzjoni pożittiva tal-istudenti tiegħu, li jiġi evitat l-użu ta' ridikolar bħala strateġija ta' istruzzjoni u li jkun hemm politiki dixxiplinari ġusti. Il-letteratura tar-riċerka tissuġġerixxi wkoll strateġiji għall-monitoraġġ tal-progress tal-istudenti. Sabiex jiżguraw il-motivazzjoni tal-istudenti, huwa importanti li l-għalliema jħeġġu mentalità ta' tkabbir fost l-istudenti u li jifhmu li ċ-ċirkostanzi tal-individwu jistgħu jeħtieġu għajnuna addizzjonali.

**Fil-livell individwali** (mikrosistema), hemm ħafna differenzi sottili li jridu jiġu kkunsidrati. L-istudenti jista' jkollhom bżonnijiet edukattivi speċjali jew diżabilitajiet, livelli baxxi ta' involviment akkademiku, aspettattivi baxxi u livelli baxxi ta' awtoeffikaċja. Dawn jistgħu jipperċepixxu l-iskola bħala ta' rilevanza baxxa għal ħajjithom. Sfidi individwali speċifiċi jistgħu jinkludu wkoll il-mewt ta' ġenitur, imġiba riskjuża (bħal użu ta' drogi jew alkoħol), storja ta' tqegħid ma' familji ta' rispett jew mas-sistema ta' indukrar u tqala fl-adolexxenza.

L-iskejjel u l-komunitajiet jistgħu jgħinu jnaqqsu d-diffikultajiet billi:

- jippromwovu l-kooperazzjoni bejn l-aġenziji esterni u l-iskejjel u l-iżvilupp ta' servizzi, bħal faċilitajiet ta' indukrar tat-tfal fl-iskejjel, terapija tad-diskors, counselling u l-kura tas-saħħa mentali;
- jiffokaw fuq l-assessjar għat-tagħlim li huwa bbażat fuq il-kompetenzi u kontinwu;
- jiżviluppaw kurrikuli li huma rilevanti għall-interessi, l-aspirazzjonijiet u l-bżonnijiet tal-istudenti, b'enfasi fuq il-ħiliet fl-istudju u t-tagħlim indipendenti;
- isostnu l-motivazzjoni tal-istudenti billi jinvolvu lill-komunità lokali u jgħinu jiżviluppaw ir-reżiljenza tal-individwu;
- isaħħu l-approċċi individwalizzati, b'mod partikolari għal studenti bi bżonnijiet edukattivi speċjali;
- jindirizzaw kmieni l-progress akkademiku batut u jipprovdu għajnuna fejn din tkun meħtieġa;
- jevitaw li tiġi ripetuta s-sena.

Fl-aħħar nett, huwa meħtieġ li tiġi riveduta regolarment l-effettività tal-istrateġiji għat-tnaqqis tal-falliment fl-iskola. Il-prevenzjoni għandha tipprekludi l-ħtieġa għal azzjoni kompensatorja. Madankollu, interventi ulterjuri jistgħu jindirizzaw kwalunkwe sfida mhux intenzjonata li tista' tqum.

B'mod ġenerali, il-letteratura tar-riċerka turi li s-sistemi tal-edukazzjoni jistgħu jkunu organizzati biex jittrattaw b'mod effettiv id-diversità tal-bżonnijiet tal-istudenti u jipprevjenu l-falliment fl-iskola. Ir-Reviżjoni tal-Letteratura dwar il-PSF tindika l-użu ta' **disinn universali** biex jgħin iżid l-inklużività u jippromwovi s-suċċess tal-istudenti kollha (l-Aġenzija Ewropea, 2019a).

# SEJBIET MIL-LETTERATURA TAL-POLITIKA

It-**tieni linja** tal-attivitajiet tal-proġett analizzat il-miżuri politiċi nazzjonali eżistenti għall-prevenzjoni ta' falliment fl-iskola. Ir-reviżjoni tal-politiki turi li l-pajjiżi Ewropej qed jimpenjaw ruħhom dejjem iktar biex jiżviluppaw sistemi ta' edukazzjoni iktar ekwitabbli u inklużivi. Madankollu hemm ħafna **tħassib internazzjonali dwar il-livelli baxxi ta' kisbiet akkademiċi fost gruppi partikolari ta' studenti**. Hemm tħassib ukoll dwar il-kwistjoni usa' tal-falliment fl-iskola minn perspettiva sistemika.

Is-sistemi tal-edukazzjoni żviluppaw risponsi politiċi differenti biex jissodisfaw il-bżonnijiet differenti tal-istudenti, itejbu l-outcomes tal-istudenti u jipprevjenu l-falliment fl-iskola. Ir-Rapport ta' Sintesi dwar il-Proġett tal-PSF analizza l-politiki u l-miżuri rilevanti fis-sistemi tal-edukazzjoni tal-14-il pajjiż li pparteċipaw fl-istħarriġ tal-pajjiżi tal-proġett tal-PSF (l-Aġenzija Ewropea, 2019b).



L-analiżi wriet li l-politiki nazzjonali ma jużawx it-terminu falliment fl-iskola b'mod dirett u li t-tifsira tiegħu hija biss impliċita. Minflok jikkollegaw il-falliment fl-iskola mal-individwi, xi pajjiżi jipprovdu għarfien dwar il-mod kif il-**progress lejn il-prevenzjoni ta' falliment fl-iskola jista' jiġi mifhum minn perspettiva pożittiva tas-sistema, permezz tal-promozzjoni tas-suċċess fl-iskola.**

L-analiżi wriet ukoll li kważi l-pajjiżi kollha żviluppaw oqfsa ta' politika rilevanti. Madankollu, l-għanijiet ta' politika tagħhom ivarjaw ħafna. Xi pajjiżi jenfasizzaw miżuri mmirati lejn l-individwu. Oħrajn jirreferu għal miżuri komprensivi maħsuba għall-iskola sħiħa jew għas-sistema tal-edukazzjoni sħiħa.

Minkejja l-varjetà ta' definizzjonijiet u approċċi għall-falliment fl-iskola, il-mudelli komuni fil-politiki tal-pajjiżi jinkludu:

- iż-żieda tal-ingaġġ u t-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskola;
- li jiġu ttrattati l-livelli baxxi ta' kisbiet akkademiċi;
- il-promozzjoni ta' approċċ għall-istruzzjoni u t-tagħlim li huwa bbażat fuq l-iżvilupp fl-iskola sħiħa.

Il-prijoritajiet politiċi prinċipali li l-pajjiżi jindikaw jinkludu l-identifikazzjoni u s-sostenn ta' studenti "fir-riskju", iż-żieda tal-livelli ta' kisba f'oqsma partikolari, l-għeluq tad-distakk fil-livell ta' kisba u l-iżvilupp tal-kurrikuli, l-assessjar u l-pedagoġija.

L-informazzjoni mill-istħarriġ tal-pajjiżi tal-proġett għenet ukoll biex jiġu mifhuma l-isfidi ewlenin li l-pajjiżi jiffaċċjaw fil-prevenzjoni ta' falliment fl-iskola. Dawn l-isfidi huma:

- l-implimentazzjoni effettiva tal-politika tal-edukazzjoni inklużiva;
- il-bini tal-kapaċità tal-għalliema;
- it-titjib tal-kwalità tas-sostenn;
- l-iżvilupp ta' mekkaniżmi ta' governanza, finanzjament u monitoraġġ iktar effettivi.

B'mod ġenerali, ir-reviżjoni tal-politiki tindika li hemm ħtieġa li jiġu inklużi dimensjonijiet multipli u approċċ bilanċjat sabiex jiġi ttrattat il-falliment fl-iskola. L-approċċi tal-pajjiżi huma vvalidati mis-sejbiet tal-proġett li jissuġġerixxu li minflok tikkumpensa għall-outcomes akkademiċi batuti, sistema inklużiva għandha tibni l-kapaċità tal-iskola u tgħolli l-livell ta' kisba tal-istudenti kollha. **Sabiex jintlaħaq dan l-għan, il-politiki, il-miżuri u l-istrateġiji nazzjonali jeħtieġu jadottaw approċċ sistemiku fuq livell ta' skola sħiħa. Fl-istess ħin, dawn iridu jkunu ċċentrati fuq l-istudent u jiffokaw fuq individwi f'riskju**.

# L-AZZJONIJIET POLITIĊI PRINĊIPALI GĦALL-PREVENZJONI TA’ FALLIMENT FL-ISKOLA

Permezz tat-taħlita tas-sejbiet tar-riċerka u r-reviżjonijiet tal-politiki, il-proġett tal-PSF identifika elementi ta’ politika inklużivi li jistgħu jiżguraw li l-iskejjel isiru iktar ekwitabbli. Il-proġett juża l-mudell tal-ekosistema biex jissuġġerixxi qafas ta’ politika komprensiv għall-prevenzjoni ta’ falliment fl-iskola. Dan jinkludi diversi azzjonijiet politiċi inklużivi li jistgħu jgħinu lill-pajjiżi jimxu ’l quddiem fil-prevenzjoni ta’ falliment fl-iskola.

L-azzjonijiet politiċi ewlenin huma organizzati fl-erba’ livelli tal-ekosistema: nazzjonali/reġjonali, tal-komunità, tal-iskola u individwali.

**L-azzjonijiet politiċi fil-livell nazzjonali/reġjonali (makrosistema) jinkludu:**

- it-tnaqqis tal-inugwaljanza soċjali, il-promozzjoni tal-ekwità u t-trattament tal-faqar;
- is-sostenn tal-kollaborazzjoni transsettorjali bejn il-Ministeri tal-Edukazzjoni, tas-Saħħa, tal-Kura Soċjali, tal-Akkomodazzjononi u tax-Xogħol;
- it-titjib tal-aċċess għal u l-attendenza tal-iskola.

**L-azzjonijiet politiċi fil-livell tal-komunità (eżosistema u meżosistema) jinkludu:**

- it-titjib tal-aċċess għal u d-disponibbiltà ta’ servizzi ta’ sostenn ibbażati fuq il-komunità;
- il-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn l-aġenziji/is-servizzi esterni u l-iskejjel;
- l-involviment siewi tal-familji.

**L-azzjonijiet politiċi fil-livell tal-iskola (meżosistema u mikrosistema) jinkludu:**

- l-iżvilupp ta’ tmexxija tal-iskola inklużiva;
- l-estensjoni tal-kurrikulu, l-assessjar u l-pedagoġija;
- il-provvista ta’ għajnuna għall-karriera u mogħdijiet flessibbli għall-karriera;
- is-sostenn tas-saħħa u l-benesseri tal-istudenti.

**L-azzjonijiet politiċi fil-livell individwali (mikrosistema) jinkludu:**

- it-tisħiħ ta’ approċċi personalizzati;
- l-indirizzar kmieni tal-kisbiet akkademiċi baxxi;
- it-tnaqqis tal-ammont ta’ studenti li jirrepetu sena.

Dan il-qafas għall-prevenzjoni ta' falliment fl-iskola jinkorpora u jikkumplimenta l-oqfsa tal-Unjoni Ewropea u internazzjonali għat-titjib tal-kwalità tal-edukazzjoni għall-istudenti kollha. Dan jista' jservi bħala punt ta' tluq għat-taħdidiet nazzjonali/reġjonali u lokali dwar kif il-politika tal-edukazzjoni tista' tipprevjeni l-falliment fl-iskola. Kull qafas ta' politika jista' jitqies bħala **mira għall-azzjoni nazzjonali potenzjali**. Għalhekk, il-qafas jista' jservi ta' bażi għall-konverżjoni tal-oqsma ta' politika f'indikaturi u/jew għall-inklużjoni tagħhom fl-istandards nazzjonali għall-prevenzjoni ta' falliment fl-iskola.

Fl-aħħar nett, il-pajjiżi jistgħu jużaw dan il-qafas bħala **referenza għall-monitoraġġ tal-progress lejn il-prevenzjoni ta' falliment fl-iskola**. Dan jista' jiffaċilita t-tagħlim bejn il-pari u l-iskambju ta' għarfien dwar kif dawn l-oqsma ta' politika jistgħu jiġu kontestwalizzati, kif jistgħu jiġu allokati (mill-ġdid) ir-riżorsi finanzjarji u żviluppati sinerġiji bejn l-istakeholders lokali u tas-sistema.

B'mod ġenerali, il-proġett tal-PSF ipprovda evidenza li tissuġġerixxi li s-sistemi ta' edukazzjoni inklużiva ta' kwalità għolja jistgħu jiġu organizzati biex jissodisfaw b'mod effettiv il-bżonnijiet differenti tal-istudenti u jipprevjenu l-falliment fl-iskola. Politiki komprensivi li jiffokaw fuq l-ekwità u l-inklużjoni jistgħu jtejbu l-effettività ġenerali



tas-sistemi tal-edukazzjoni u l-outcomes tal-istudenti individwali. Fi kliem ieħor, iż-żieda tal-inklużività tas-sistema tal-edukazzjoni tista' twassal għal suċċess għall-istudenti kollha.

# IR-RIŻULTATI TAL-PROĠETT

Iż-żewġ linji ta' attivitajiet tal-proġett irriżultaw f'erba' riżultati interkonnessi tal-proġett.

Ir-**Reviżjoni tal-Letteratura dwar il-PSF** (l-Aġenzija Ewropea, 2019a) irriżultat mill-ewwel linja ta' attivitajiet tal-proġett. Din tagħti ħarsa ġenerali lejn ir-riċerka Ewropea u internazzjonali dwar il-prevenzjoni ta' falliment fl-iskola b'rabta mal-edukazzjoni inklużiva. Ir-reviżjoni tidentifika wkoll kunċetti u temi ewlenin li huma sottostanti għall-politika u l-prattika għall-prevenzjoni ta' falliment fl-iskola. Is-sejbiet tagħha informaw u kkumplimentaw it-tieni linja tal-proġett u l-iżvilupp tar-rapport ta' sinteżi tal-proġett.

L-**analiżi tematika tal-informazzjoni dwar il-pajjiżi** tagħti fil-qosor l-informazzjoni dwar il-politiki pprovduta mill-14-il pajjiż li pparteċipaw fl-istħarriġ tal-pajjiżi tal-proġett. L-analiżi hija ppreżentata fil-forma ta' tabelli tematiċi, li nfurmaw ukoll ir-rapport ta' sinteżi tal-proġett. Dan ir-riżultat jikkumplimenta sorsi oħra ta' informazzjoni li jiddeskrivu s-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ nazzjonali, bħall-ħidma tal-Aġenzija fuq ir-**Reviżjoni u l-Analiżi tal-Politika tal-Pajjiżi** u l-verifiki tal-Aġenzija f'**Malta** u l-**Iżlanda**.

Ir-**Rapport ta' Sinteżi dwar il-Proġett tal-PSF** (l-Aġenzija Ewropea, 2019b) jikkombina informazzjoni miż-żewġ linji ta' attivitajiet tal-proġett u jippreżenta s-sejbiet globali tal-proġett. Dan jinkludi informazzjoni dwar il-kuntest politiku internazzjonali u Ewropew, is-sejbiet tar-reviżjoni tal-letteratura u l-outcomes tal-analiżi tal-informazzjoni dwar il-pajjiżi. Ir-rapport jagħti wkoll ħarsa ġenerali lejn il-kwistjoni tal-falliment fl-iskola billi janalizza politiki u miżuri ewlenin promossi mill-awtoritajiet tal-edukazzjoni nazzjonali. Fl-aħħarnett, dan jenfasizza l-karatteristiċi tal-oqfsa ta' politika inklużivi li jippermettu li jsir progress lejn il-prevenzjoni ta' falliment fl-iskola.

Dan ir-**Rapport Sommarju Finali dwar il-PSF** jipprovdi l-konklużjonijiet ewlenin tal-proġett fil-qosor.

Dawn ir-riżultati tal-proġett huma disponibbli fuq is-**sezzjoni tal-web dwar il-proġett tal-PSF** (**www.european-agency.org/projects/PSF**).

# REFERENZI


L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2016. *Early School Leaving and Learners with Disabilities and/or Special Educational Needs: A Review of the Research Evidence Focusing on Europe [Tluq bikri mill-iskola u studenti b'diżabbiltà u/jew bi ħtiġijiet edukattivi speċjali: Analiżi tal-evidenza tar-riċerka li tiffoka fuq l-Ewropa]*. (A. Dyson u G. Squires, eds.). Odense, id-Danimarka. **www.european-agency.org/resources/publications/early-school-leaving-and-learners-disabilities-andor-special-educational-0** (Aċċessat l-aħħar Novembru 2019)

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2017a. *Early School Leaving and Learners with Disabilities and/or Special Educational Needs: To what extent is research reflected in European Union policies? [Tluq bikri mill-iskola u studenti b'diżabbiltà u/jew bi ħtiġijiet edukattivi speċjali: Sa liema punt ir-riċerka hija riflessa fil-politiki tal-Unjoni Ewropea?]* (G. Squires u A. Dyson, eds.). Odense, id-Danimarka. **www.european-agency.org/resources/publications/early-school-leaving-and-learners-disabilities-andor-special-educational** (Aċċessat l-aħħar Novembru 2019)

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2017b. *Raising the Achievement of All Learners in Inclusive Education: Lessons from European Policy and Practice [Ngħollu l-livell ta' suċċess għall-istudenti kollha fl-edukazzjoni inklużiva: Tagħlimiet mill-politika u prattika Ewropea]*. (A. Kefallinou u V.J. Donnelly, eds.). Odense, id-Danimarka. **www.european-agency.org/resources/publications/raising-achievement-all-learners-project-overview** (Aċċessat l-aħħar Novembru 2019)

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2019a. *Preventing School Failure: A Review of the Literature [Prevenzjoni ta' Falliment fl-Iskola: Reviżjoni tal-Letteratura]*. (G. Squires u A. Kefallinou, eds.). Odense, id-Danimarka. **www.european-agency.org/resources/publications/preventing-school-failure-literature-review** (Aċċessat l-aħħar Frar 2020)

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2019b. *Preventing School Failure: Examining the Potential of Inclusive Education Policies at System and Individual Levels [Prevenzjoni ta' Falliment fl-Iskola: Eżaminar tal-Potenzjal tal-Politiki ta' Edukazzjoni Inklussiva b'Relazzjoni mas-Sistema u l-Individwi]*. (A. Kefallinou, ed.). Odense, id-Danimarka. **www.european-agency.org/resources/publications/preventing-school-failure-synthesis-report** (Aċċessat l-aħħar Frar 2020)

Bronfenbrenner, U., 2005. 'The Bioecological Theory of Human Development' [It-teorija bijoekoloġika tal-iżvilupp tal-bniedem], f'U. Bronfenbrenner (ed.), *Making Human Beings Human: Bioecological Perspectives on Human Development [Kif il-bnedmin saru umani: Perspettivi bijoekoloġiċi dwar l-iżvilupp tal-bniedem]*. Thousand Oaks, CA: Sage

Il-Kummissjoni Ewropea, 2015. *Edukazzjoni u Taħriġ 2020. Politika għall-Iskejjel: Approċċ skolastiku sħiħ għall-indirizzar tat-tluq bikri mill-Iskola*. **ec.europa.eu/assets/eac/education/experts-groups/2014-2015/school/early-leaving-policy_mt.pdf** (Aċċessat l-aħħar Ottubru 2019)

Il-Kummissjoni Ewropea, 2017. *L-iżvilupp tal-iskejjel u t-tagħlim eċċellenti għal bidu tajjeb fil-ħajja*. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. COM/2017/0248 final. **eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1496304694958&uri=COM:2017:248:FIN** (Aċċessata l-aħħar April 2019)



Segretarjat:

Østre Stationsvej 33
DK-5000
Odense C
Denmark
Tel: +45 64 41 00 20
secretariat@european-agency.org

Uffiċċju ta' Brussell:

Rue Montoyer 21
BE-1000
Brussels
Belgium
Tel: +32 2 213 62 80
brussels.office@european-agency.org

www.european-agency.org

MT